

22000D1214(02)

14.12.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 315/7

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 72/2000**

**tat-2 ta' Ottubru 2000**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza ġħaliha bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 50/2000 tat-28 ta' Ġunju 2000 (¹).
- (2) Id-Direttiva 96/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar l-appròximazzjoni tal-l-iż-żejjiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' sostanzi li jniġġsu fghamla ta' gass jew fghamla ta' partikoli minn makni b'ignition b'kompressjoni għal użu fvetturi, u l-emissjoni ta' sostanzi li jniġġsu fforma ta' gass minn makni b'ignition pożittiva li jużaw fuwil ta' gass naturali jew gass ta' petroleum magħmul likwidu għal użu minn vetturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/98/KE tal-15 ta' Diċembru 1999 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva 96/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' l-okkupanti ta' vetturi b'makna fil-każ ta' impatt fuq quddiem (³) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

### Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 44 (Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“– **399 L 0096:** Id-Direttiva 1999/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 44, tas-16.2.2000, p. 1).”

### Artikolu 2

Li ġej għandu jiddaħħal fil-punt 45v (Direttiva 96/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Kapitolu I ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“, kif emendat bi:

– **399 L 0098:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/98/KE tal-15 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 9, tat-13.1.2000, p. 14).”

### Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 1999/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/98/KE fil-lingwa Islandiża u fdik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

(¹) ĠU L 237, tas-21.9.2000, p. 62.

(²) ĠU L 44, tas-16.2.2000, p. 1.

(³) ĠU L 9, tat-13.1.2000, p. 14.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi nhar it-3 ta' Ottubru 2000, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fit-2 ta' Ottubru 2000.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

G. S. GUNNARSSON

---

(\*) Ebda htigjet kostituzzjonali indikati.